MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2004

Numru 549/2004

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonimigjub akontra **Daniel Galea** ta’ 26 sena, bin Domenic u Mary Gladys *nee* Bolger, imwieled Pieta’ fil-21 ta’ Jannar, 1978, residenti numru 117, “Metropolis Court” Flat 1, Triq l-Izbark tat-Torok, Birzebbuga, u detentur tal-karta tal-identita’ numru 64478M;

Talli fid-9 ta’ Jannar, 2004, u fix-xhur ta’ qabel din id-data, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, ai termini ta’ l-artikolu 18 tal-Ligijiet ta’ Malta Kap 9;

Ikkommettejt serq ta’ oggetti u cioe’ qliezet (jeans wear) li l-valur globali taghhom ma jiskorriex is-somma ta’ elf lira Maltin, mill-fond Denom Services Limited sitwat fil-Qasan Industrijali, Bulebel, Zejtun, liema serq huwa kkawlifikat

bil-valur, bil-hin u bil-persuna, u li sar ghad-dannu tal-propjetarju;

U aktar talli f'Malta, f'dawn l-ahhar xhur, xjentement ilqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, nehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom, liema oggetti gejjin minn reat ta' serq ikkwalifikat bil-valur li ma jiskorroex l-elf Lira Maltin.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali skond l-art 370(4) tal-Kap 9 sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Rat illi l-imputat ma oggezzjonax ghall-istess procedura;

Rat l-atti tal-kawza;

Fuq ammissjoni ssibu hati tal-ewwel akkuza filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni kap alternattiv;

Rat l-art. 18, 261, 267, 268, 270, 280 u 281 tal-Kap 9.

Rat il-fedina penali nadifa tal-imputat u ghalhekk tqis li huwa jkkwalifika ghal beneficcju tal-provediment tal-Kap 446;

Ghal dawn il-mottivi tilliberrah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien sentejn (2) mil-lum skond l-art. 22 tal-Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------